MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' April, 2004

Avviz Numru. 76/2004

Avviz Numru: 76/04

Auto Sales Limited

Vs

Philip Ferrante

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,824.25) rapprezentanti l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' kambjalijiet ffirmat minnhu u skaduti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali ta’ Dicembru, 2003 bl-imghax legali bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma kkontestax it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi d-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf , tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,824.25) bl-imghaxijiet legali b’effett mill-4 ta’ Frar, 2004, u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------